# Il-Knisja Dedikata lil Santa Tereża f'Bormla

*Kitba ta' J. Balzan*



Il-knisja ta' Santa Tereża

Il-Karmelitani Skalzi, kif huma magħrufin il-patrijiet li jservu fil-knisja ta' Santa Tereża f'Bormla, waslu f'din il-belt fl-1625 bil-ħidma ta' l-inkiżitur Visconti, fuq talba tal-Kongregazzjoni Propaganda Fide. L-ewwel żewġ patrijiet, kienu wieħed ta' nazzjonalità Franċiża u l-ieħor Spanjol. Il-Kongregazzjoni xtaqet li dawn iwaqqfu kunvent fejn fih jinżamm kulleġġ ta' studji, speċjalment f'dawk li huma lingwi bi skop li jgħin 'il missjunarji fil-formazzjoni tagħhom.

Naturalment l-Isqof ta' dak iż-żmien, Mons. Cagliares, qabel ħafna ma' dan il-pjan, tant li ħareġ 1,500 skud sabiex jinxtraw xi djar fejn ġew alloġġjati l-ewwel patrijiet sakemm inbena l-kunvent. Dan insibuh imniżżel f'atti notarili ta' P.P. Vincella tal-1 ta' Diċembru 1625.

Il Gran Mastru Caraffa ħareġ 500 skud oħra sabiex tinbena parti mill-kunvent. Din l-għotja saret taħt kundizzjoni li parti mill-kunvent isservi biex fiha jagħmlu l-irtiri l-Kavallieri. Caraffa kien inkwetat bil-mod ta' ħajja ta' wħud minnhom. Hu ried joħloq mezz kif dawn il-Kavallieri setgħu jirriformaw ruħhom aħjar spiritwalment.

Il-kunvent infetaħ uffiċjalment fl-1625 kif jixhdu l-arma u s-sena li hemm fuq il-bieb ta' l-istess kunvent.

Il-knisja ta' Santa Tereża li hemm mal-ġenb tal-kunvent hija ta' daqs medju, fiha sitt kappelli, u tlestiet fl-1633. Hi ġiet ikkonsagrata fit-18 ta' Marzu, 1787 mill-Isqof Vincenzo Labini.

F'din il-knisja nsibu l-korp sant ta' Santa Consolata Verġni u Martri. Il-kwadru titulari hu xogħol ta' Fra Luca Garnier. Ta' l-istess pittur ukoll huwa l-kwadru ta' San Franġisk. Il-kwadri laterali li naraw fejn l-artal maġġur huma ta' Rokku Buhagiar u kienu mħallsa mill-Gran Mastru Ximenes. Hemm kwadri oħra li huma xogħlijiet ta' Mattia Preti, Enrico Arnaud u oħrajn.

Fil-faċċata tal-knisja nsibu niċċa bi statwa tal-Madonna bil-Bambin. Din l-istatwa hija magħrufa bħala l-Madonna ta' Trapani.

Ġewwa hemm statwa sabiħa oħra, dik ta' Santa Tereża ta' Avila, maħduma minn Giuseppe Caruana (Marciol), kif ukoll statwa mnaqqxa fl-injam li tirrappreżenta lil San Ġwann tas-Salib. Statwa oħra li wieħed jara f'din il-knisja u tista' tgħid fil-knejjes Karmelitani kollha hija dik tal-Bambin ta' Praga.



Il-knisja armata minn ġewwa fiċ-Ċentinarju ta' l-1922

Tul l-eżistenza tiegħu l-kunvent kien immexxi minn madwar 120 pirjol. L-ewwel wieħed kien Patri Teodosio. Ħafna minn dawn il-pirjoli servew ta' ġid kbir għall-poplu Malti. Biżżejjed wieħed isemmi lill-Pirjol Ġużeppi Abela, minn Ħal Għaxaq li fl-1857 waqqaf skola f'Ħaż-Żabbar. Il-patrijiet ta' dan il-kunvent kienu jgawdu stima minn kull awtorità, imma l-aktar mill-inkiżituri minħabba l-fatt li għadd ta' patrijiet minn dan il-kunvent servew bħala konsulieri jew b'xi mod ieħor fit-Tribunal ta' l-Inkiżizzjoni.

Kif semmejna qabel, f'dan il-kunvent kien isir it-tagħlim speċjalizzat fil-lingwi, fejn kienet tingħata importanza lill-ilsna Għarab li kienu jiġu mgħallma lil dawk il-missjunarji li kienu jkunu sejrin għal-Lvant Nofsani.

Peress li fil-kunvent kien hemm patrijiet minn nazzjonalitajiet differenti, l-awtoritajiet, l-iktar l-inkiżitur, kienu ta' sikwit ifittxu l-għajnuna tagħhom meta kienu jiltaqgħu ma' diffikultajiet ta' lingwi. Wieħed ma jridx jinsa li f'dawk iż-żminijiet, barra l-Kavallieri u l-ilsiera, kienu diversi n-nies ta' ilsna differenti li wieħed kien jiltaqa' magħhom fil-gżira. Bosta drabi din l-għajnuna kienet tingħata waqt it-tribunali ta' l-inkiżitur meta l-akkużati kien jinħtiġilhom jistqarru ħtijiethom. It-tagħlim ta' l-ilsna f'dan il-kunvent dam sejjer sas-sena 1714.



Il-kwadru titulari ta' Santa Tereża

Il-patrijiet ta' dan il-kunvent dejjem taw kontribut kbir, tant li l-Inkiżitur Antonio Pignatelli, li wara sar Papa Innoċenzju XII kiteb li dawn il-patrijiet ikkonvertew mhux anqas minn mitejn eretiku ta' diversi nazzjonalitajiet, fosthom dawk Torok u Lhud.

Midfun fil-knisja ta' Santa Tereża hemm l-Inkiżitur Carlo Cavaletti li miet fis-16 ta' Mejju, 1652. Fil-funeral solenni tiegħu qaddes l-Isqof ta' Malta Balaguer flimkien mal-Kapitlu u rappreżentanti ta' l-Ordni ta' San Ġwann. L-ispejjeż tal-funeral tħallsu minn missier l-inkiżitur u anke twaħħlet lapida.

Barra l-Inkiżitur Cavaletti f'din il-knisja hemm midfunin ukoll nies li għamlu isem f'Malta. Fost dawn hemm il-pittur Bormliż Rokku Buhagiar u l-iskultur Vinċenz Dimech.

Inkiżitur ieħor, Zondadari, għamel l-irtir ta' preparazzjoni f'dan il-kunvent qabel ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Labini. Fl-1785, dan l-inkiżitur kiteb dwar dawn il-patrijiet Tereżjani, u qal li huma kellhom kunvent wieħed biss, dak f'Malta ġewwa Bormla, li ma kien marbut ma' l-ebda provinċja u li kien fih reliġjużi minn ġnus differenti. Hawn wieħed irid jikkjarifika li din il-knisja kienet l-ewwel waħda li ġiet dedikata lil Santa Tereża wara li saret qaddisa.

Xieraq li nagħlqu din il-kitba billi nfakkru ġrajja li baqgħet tissemma. Fid-19 ta' Ottubru, 1837 kienet saret serqa sagrilega tas-sagrament minn din il-knisja. Is-sagrament kien instab jumejn wara, ftit 'il bogħod mill-istess knisja, f'post li llum għadu magħruf bħala "fejn sabu s-Sinjur". Wara s-sejba kien anke sar mafkar biex tibqa' mfakkra din il-ġrajja.


**Referenza**

Storja ta' l-Inkiżizzjoni - Alexander Bonnici OFM

Descrizione delle chiese di Malta e Gozo - Achille Ferris